MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 591/2010

**Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Joseph Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, datat 11 ta' Mejju 2010, hawn anness u mmarkat Dok A, l-intimat kien ġie ordnat sabiex *"jippreżenta fi żmien ħmistax lista ġuramentata tal-assi kollha tiegħu u wkoll jippreżenta kopja tas-'sanction letters' kif indikat fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2009";*

2. Illi, fl-udjenza quddiem dina l-istess Qorti datata 26 ta’ Mejju 2010, Maria Antonia Baldacchino, li ntavolat il-proċeduri ta’ separazzjoni kontra l-intimat, assistita minn Dr. Renzo Porsella-Flores, għarrfet lill-Qorti illi tali dokumentazzjoni ma ġietx prodotta;

3. Illi, fl-istess udjenza, il-Qorti ddegretat kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok B illi *“peress li l-konvenut naqas li jippreżenta l-lista ġuramentata tal-assi kollha tiegħu nklużi kopja tas-sanction letters skond id-digriet mogħti fl-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2010, tordna li jittieħdu passi għall-disprezz kontra l-konventu a terminu tal-Artikolu 1003A tal-Kap 12”;*

4. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid l-intimata għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Issib lill-intimat ħati ta’ disprezz kontra l-awtorita’ tagħha *ai termini* tal-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni meħtieġa fuq l-intimata *ai termini* tal-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimat;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat preżentata fis-7 ta' Lulju 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi dawn il-proċeduri saru inutilment fil-konfront tal-intimat u dana billi l-intimat ma ried juri l-ebda disprezz jew nuqqas ta' rispett lejn l-ordnijiet li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-kawża ta' separazzjoni personali tiegħu, iżda kif jixhdu l-istess atti proċesswali u wara li fuq suġġeriment ta' dik il-Qorti stess ħalli l-partijiet jaslu għal ftehim bonarju, l-intimat kien qed jagħmel l-almu tiegħu ħalli ż-żewġ partijiet jipproċedu għal separazzjoni konsenswali hekk kif jixhdu l-atti u l-verbali l-aktar riċenti fil-kawża ta' separazzjoni personali. Fil-fatt l-intimat hu lest illi jipproċedi għas-separazzjoni personali skond l-abbożż li qablu l-istess partijiet miegħu (li ġie esebit fil-kawża ta' separazzjoni permezz ta' nota a fol. 1444 *et seq* tal-proċess) meta huma marru għand in-Nutar ta' fiduċja tagħhom Dr A Sciberras Trigona u lest anke jħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-Avukat u l-Prokuratur Legali ta' martu skond it-taxxa uffiċjali maħruġa ħalli l-vertenza tas-separazzjoni personali tiegħu tiġi riżolta darba għal dejjem;

2. Illi għalhekk l-intimat qed jitlob li kopja tal-atti proċesswali kollha tal-kawża ta' separazzjoni jiġu allegati mal-atti tal-kawża odjerna u jikkostitwixxu prova sħiħa fiha;

3. Illi għalhekk l-esponent ma jistax jifhem għaliex hu ma deherx għal seduta waħda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ħarġet ordni f'dan is-sens meta hu lest illi jonora b'mod sħiħ l-abbozz ta' separazzjoni konsenswali ġja' mressaq fl-atti ta' dik il-kawża, kif ukoll iħallas l-ispejjeż kollha ddikjarati fit-taxxa uffiċjali tal-kawża ta' separazzjoni personali bla taxxa uffiċjali li jirriżulta minnha stess tammonta għall-ammont sostanzjali ta' flus u meta ftit qabel l-istess intimat kien ħallas kont sostanzjali tal-Espert Komputista maħtur f'dik il-kawża. Għalhekk ċertament l-intimat bl-imġieba tiegħu ċertament li ma riedx u ma kellu l-ebda ntenzjoni li jfixkel l-andament ta' din il-kawża jew l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

4. Illi l-intimat jirrileva wkoll li jekk issa għal xi raġuni martu m'għadx għandha interess li tipproċedi għal separazzjoni konsenswali, hu se jieħu l-passi opportuni ħalli l-kawża ta' separazzjoni personali in kwistjoni tkompli;

5. Illi mhuwiex minnu lanqas li hu jaħti li iddilunga l-proċeduri ta' separazzjoni konsenswali u dana billi hekk kif jirriżulta mill-atti proċesswali l-istess martu Maria Antonia Baldacchino fetħet il-proċeduri ġudizzjarji kontenzjużi ta' separazzjoni konsenswali damet snin sħaħ tressaq il-provi tagħha u wara anke saħansitra talbet li l-provi tagħha jerġgħu jinfetħu mill-ġdid;

6. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-intimat jiskuża ruħu jekk b'xi mod hu irreka xi inkonvenjent lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u *tenendo* kont taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern bħala sanzjoni kontra l-intimat, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib ħtija fil-konfront tal-intimat, din għandha tmur għall-minimu permess mil-liġi;

7. Salv linji difensjonali ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimat u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ġunju 2011 fejn il-kawża ġiet differta għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mir-rikorrent wara li l-intimat kif spjegat fir-rikors ma pprovdiex lill-Qorti fil-kawża ta' separazzjoni li kellu ma' martu b'dokumentazzjoni li kien ipprometta li jesebixxi matul il-kawża. Dan sar in segwitu għal talba ta' martu u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża.

Illi l-konvenut kif ingħad qed jeċċepixxi illi huwa qatt ma ried jagħmel xi att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, u li dak li ġara kien nuqqas ta' ftehim.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru 2003 – JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. ... Kif jgħallem* ***Lord Denning****: 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt.' (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu di l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettica li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *– 7 ta' Ottubru 1997)."*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **("Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546).

Illi mill-provi li tressqu quddiemha il-Qorti hija konvinta li dawn il-proċeduri ġew mibdija b'ċerta għaġġla u li setgħu ġew evitati kieku mart il-konvenut stenniet ftit; infatti eventwalment jidher li l-partijiet f'dik il-kawża waslu għal separazzjoni konsenswali. Madankollu, l-konvenut naqas li ma jipprovdix id-dokumentazzjoni meta wiegħed li

jagħmel dan.  Il-Qorti jidhrilha li kollox ma' kollox għandha tiddeċiedi li kulħadd ibati l-ispejjeż tiegħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, u tordna li l-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------